MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 73/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Mary Anne Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Inter-Meditour Ltd (C 15267) ghas-snin 2003, 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqset li tibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqset milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Frar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lil-appellanti hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha w ikkundannatha ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500). In vista tal-fatt li l-appellanti m'ghahiex tirraprezenta lis-socjeta` Inter-Meditour Ltd mhux il-kaz li tigi imposta multa addizjonali.
Il-Qorti spjegat lill-appellanti ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b'zieda ma kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjuba hatja ghat-tieni darba w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, tinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-16 ta' Frar, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata li permezz taghha l-istess Qorti sabet lill-appellanti hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghha w ikkundannataha €500 multa w minflok tghaddi sabiex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha sal-grad riokjest fil-kamp penali u cioe` lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni u ghalhekk il-Qorti qatt ma setghet issib htija ta' l-appellanti ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront taghha. Illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova jekk fil-fatt kienx

sar il-hlas fuq id-denunzji prezentati li del resto ammettiet hija stess li fil-fatt gew ipprezentati. Lanqas ma l-prosekuzzjoni kellha x’turi fuq jekk dawn id-denunzji kienux fl-opinjoni taghha skorretti u jekk kienux konsegwentement mibghuta xi struzzjonijiet bil-miktub mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni lis-socjeta` illi taghha l-appellanti huja direttrici kif stqarru l-“acknowledgement receipts” li baghtet hija stess lis-socjeta`, kopji ta’ liema jinstabu esebiti fil-process.

2. Lanqas ma pproduciet il-prosekuzzjoni ebda dokument illi juri illi s-socjeta` irceviet xi ittra kontenenti “repayment scheme” ghal xi arrettrati ta’ taxxi ghas-snin imsemmija fl-akkuza jew xi formula ta’ skema ta’ pagament bin-nifs kif solitament jibghat id-dipartiment meta persuna jew socjeta` jkollha arrettrati ta’ taxxa u penali addizzjonali. Illi kien sta ghal prosekuzzjoni biex tipproduci din il-prova u ghal haddiehor u ghal din ir-raguni wkoll naqset il-prosekuzzjoni milli tipprova l-kaz taghha.

3. Illi kull ma kellha quddiemha din il-qorti kienu ricevuti ghas-snin kollha msemmija fl-imputazzjoni, fejn id-dipartiment informa lis-socjeta` illi f’kaz illi jirrizultala illi d-dokumentazzjoni mibghuta ghal kull sena kienet inkompleta, hi kienet ser tgharraf b’dan lis-socjeta` bil-konsegwenzi ovji ta’ l-istess avviz ossia taxxa addizzjonali u penali skond il-kaz. Illi kif intqal iktar il-fuq il-prosekuzzjoni ma setghetx tikkonferma jekk fil-fatt intbaghtux l-imsemmija avvizi.

Ikkunsidrat:

L-ilment principali ta’ l-appellanta kien ghal fatt li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali u cioe’ ‘l hinn mid-dubju dettat mir-raguni illi l-appellanta naqset li tottempra ruhha mal-Ligi. Ma giex pruvat jekk fil-fatt sar il-hlas fuq id-denunzji prezentati mill-appellanta u lanqas ma produciet dokument li juri li s-socjeta ircevietx xi ittra kontinenti ‘repayment scheme’ ghal xi arrettrati ta’ taxxi ghas-snin imsemmija fl-akkuza.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konsiderazzjoni. L-ewwelnett irrizulta illi l-appellanta kienet Direttur tas-socejta' Intermeditur Limited u rrizulta ampjament ippruvat illi mis-sena 2003 sat-2009 is-socjeta' msemmija naqset li tibghat diversi formoli bil-hlasijiet relattivi lil Kummissarju tat-Taxxi Interni. Pero l-appellanta ghandha rcevuti tal-formuli FS 2 u FS 7 ghas-snin 2003, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009. M'ghandiex formuli ghas-sena 2004. Dawn il-provi jossadisfaw ampjament il-grad li trid il-Ligi fil-kamp penali u l-argument ta' l-appellanta, illi ma ntbghatitx xi ittra ta' 'repayment scheme' ghal xi arretrati, m'ghandux jimmitiga favur taghha. Skema ta' pagament hija xi haga volontarja li ssir bi ftehim bejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dak li jkun. It-taxxa hija dovuta immedjatament fl-ammont shih imma jista' javveraw certa cirkostanzi li fihom it-'tax payer' ma jkunx jista' jhallas dak l-ammont kollu f'daqqa. Allura f'dan il-kaz, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jista' jaghmel koncessjoni u jawtorizza lit-'tax payer' ihallas b'mod rateali. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi qieghed jabdiga mid-dritt tieghu illi jircievi l-ammonti shah meta u kif dovuti. Ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-argument ta' l-appellanta ma jreggix.

Hu ben sabut illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament approfondit u ssib li l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------